MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-14 ta' Settembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 490/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmelo Xerri**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Carmelo Xerri talli nhar-it 22 ta’ Awissu 2006 u fil-jiem ta’ qabel din id-data fi Triq in-Nahal, Mosta bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita dritt li jippretendi li ghandu, gieghel bl-awtorita` tieghu nnifsu lil xi hadd ihallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun, jew fixkel lil xi hadd fil-pussess ta’ hwejgu jew ihott bini, jew jikser il-mixi ta’ l-ilma jew jiehu l-ilma ghalih, jew b’xi mod iehor kontra l-ligi ndahal fi hwejjeg haddiehor billi bena hajt divizorju fuq il-proprjeta` ta’ Joseph Sammut;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-9 ta’ Novembru 2010 li permezz taghha sabet lill-imsemmi Carmelo Xerri hati ta’ l-imputazzjoni dedotta u, wara li rat l-artikoli 85 u 377(3) tal-Kodici Kriminali, ikkundannatu ghall-piena ta’ €50 multa u ordnat lill-istess Carmelo Xerri jnehhi l-istess hajt fi zmien xahar taht penali ta’ €10 kuljum fin-nuqqas;

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-istess Carmelo Xerri pprezentat fid-19 ta’ Novembru 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tannulla, tirrevoka u thassar is-sentenza appellata u tilliberah minn kull htija u piena;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta’ l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; semghet ix-xiehda tal-Perit Valerio Schembri; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-appellant jghid li l-aggravji tieghu huma s-segwenti: (1) li l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha naqset milli taghti raguni cara kif mill-fatti ghandu jirrizulta jew le r-reat ta’ *ragion fattasi*; (2) li ma hemmx l-elementi kollha mehtiega ghall-prova ta’ dan ir-reat meta jirrizulta li huwa zamm l-istess areja tal-plot li xtara u ma uzurpa l-ebda art ohra; (3) li dan johrog anke mir-rapport ta’ l-espert tekniku; (4) li, minghajr pregudizzju ghall-premess, ma kien hemm l-ebda intenzjoni kriminuza da parti ta’ l-appellant li juzurpa art li tappartjeni lil terzi meta kien il-kwerelant li bieghlu l-art li jippossjedi u li taghha sar kemm konvenju kif ukoll kuntratt u dan skond pjanta mal-kuntratt ta’ akkwist; (5) li l-ewwel Qorti kellha tillibera lill-appellant salv id-dritt tal-partijiet li jipprocedu civilment kif effettivament qed jaghmlu fi proceduri kontenzjuzi.

**6.** Kwantu ghall-ewwel aggravju jinghad l-ewwelnett illi l-Qorti tal-Magistrati mhijiex marbuta bil-ligi li taghti ragunijiet fis-sentenza taghha. L-artikolu 662(2) tal-Kodici Kriminali jipprovdi li kull decizjoni tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali u tal-Qorti Kriminali ghandu jkun fiha r-ragunijiet li jkunu wasslu l-Qorti ghal dik id-decizjoni. Imbaghad l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jipprovdi x’ghandu jkun

fiha sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati, u cioe` **"ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat."** Madanakollu, minn qari akkurat tas-sentenza appellata jidher li l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni li "rrizulta illi l-akkuzat uzurpa, ghalih innifsu u intenzjonalment il-pussess ta' parti mill-art in kwistjoni billi bena hajt divizorju maghmul minn *'bricks'*", u dan a bazi tar-relazzjoni peritali li ssir referenza ghaliha fl-istess sentenza. Kwindi l-ewwel aggravju qieghed jigi respint.

**7.** L-aggravji l-ohra jehtiegu apprezzament mill-gdid tal-provi. Issa, ir-reat addebitat lill-appellant huwa dak ta' *ragion fattasi*. Biex jikkonfigura ruhu dan ir-reat, iridu jikkonkorru dawn l-elementi:

"(1) att estern li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-hadd iehor; (2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt; (3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel 'di privato braccio' dak li jmissu jsir per mezz ta' l-awtorita` pubblika (jew, fi kliem il-Crivellari, Il Codice Penale per il Regno d'Italia Interpretato ecc., Torino, 1895, Vol. VI, pagna 749, 'la persuasione di fare da se` cio` che dovrebbe farsi reclamando l'opera del Magistrato'); u (4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (ara, fost diversi sentenzi, Il-Pulizija v. Salvatore Farrugia, Appell Kriminali 14 ta' Dicembru, 1957, Vol. XLI.iv.1506; Il-Pulizija v. Carmel sive Charles Farrugia, App. Krim. 17 ta' Frar, 1995; Il-Puliziia v. Carmelo Ciantar, 18 ta' Settembru, 1996; ara wkoll Falzon, G., **Annotazioni able Leggi Criminali** (Malta), 1872, p. 123). Hu risaput - u dan, del resto, johrog mill-istess definizzjoni tar-reat in dizamina - li l-istess att materjali jista' jaghti lok ghar-reat ta' ***ragion fattasi*** jew ghal reat iehor (hsara volontarja, serq), u jekk ikunx hemm dana r-reat ta' ***ragion fattasi*** jew xi reat iehor ikun jiddependi mill-intenzjoni tal-agent. Hu rrelevanti jekk dina

l-intenzjoni tikkwalifikax bhala intenzjoni specifika jew intenzjoni generika”.[1]

**8.** Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza huma brevement is-segwenti: Permezz ta’ kuntratt tat-30 ta’ Dicembru 2005 fl-atti tan-Nutar Ian Spiteri (Dok. IS 120601 anness mar-relazzjoni ta’ l-espert tekniku) l-appellant u martu akkwistaw minghand il-kwerelant u martu “l-porzjoni diviza t’art li fiha kejl superficjali ta’ cirka mitejn u hames metri kwadri (205 m2), b’faccata fuq Triq in-Nahal, f’San Pawl tat-Targa, fil-limiti tan-Naxxar, liema porzjoni diviza tinsab immarkata bl-ittra ‘A’ fuq l-annessa pjanta mmarkata Dokument ‘Z’”. Mill-pjanta annessa mal-kuntratt deher li din il-porzjoni diviza ta’ art kienet ta’ forma rettangolari. “Xi xahrejn wara”, skond ir-rikors ipprezentat mill-appellant u martu fil-Prim’Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta’ Marzu 2006 u li permezz tieghu inizjaw proceduri civili kontra l-kwerelant u martu (ara kopja annessa mar-relazzjoni peritali), “lill-esponenti rrizultalhom illi l-porzjon diviza mibjugha lilhom ma kinitx tal-kejl pattwit u dan meta l-intimati stess ipprezentawhom bi pjanta gdida (Dok. C), li minnha kien jirrizulta illi l-porzjoni diviza mibjugha lill-esponenti kienet imxattra fil-parti ta’ wara tal-plot u b’kejl inqas ta’ madwar ghaxar (10) piedi wisa’ fil-parti ta’ wara, u b’riduzzjoni fil-kejl superficjali tal-plot ta’ madwar hdax fil-mija (11%) kif gie kwantifikat mis-Surveyor Martin Tabone (Dok. D).”

**9.** Fit-22 ta’ Awissu 2006, u allura qabel ma giet deciza dik il-kawza li ghadha tinsab pendenti, l-appellant bena cint tal-*bricks* li permezz tieghu gie li okkupa cirka mitejn u hames metri kwadri li jikkonsisti in parti mill-plot A u in parti mill-plot B, liema plot B ghadu proprjeta` tal-kwerelant u martu. L-appellant jargumenta illi huwa okkupa art daqs kemm xtara. Huwa minnu li okkupa art tal-kejl pattwit, izda ma setax jaghmel hekk billi jinvadi proprjeta` ta’ haddiehor. Difatti, galadarba l-appellant kien diga` istitwixxa proceduri kontra l-vendituri sabiex, *inter alia*, jigi dikjarat illi l-porzjon art diviza li akkwista ma kinitx tal-kejl superficjali dikjarat u miftiehem, u sabiex il-vendituri jigu ordnati jaghmlu l-aggustamenti mehtiega fid-

[1] Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Mario Lungaro**, 18 ta' Novembru 1996.

delinejament tal-plots A, B u C fil-pjanta msemmija Dok. Z sabiex il-kejl superficjali dikjarat u miftiehem fil-kuntratt tat-30 ta' Dicembru 2005 jigi rifless fil-porzjon art mibjugha, ifisser illi l-appellant kien jaf illi huwa kellu jadixxi lill-awtorita` kompetenti u mhux jagixxi *di privato braccio*, kif ghamel meta bena c-cint fil-mori tal-kawza minnu istitwita. Konsegwentement jirrizultaw f'dan il-kaz l-erba' elementi elenkati fil-bran suriferit.[2]

**10.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier, b'dan li l-perijodu ta' xahar biex jitnehha l-hajt, ossia cint, jibda jiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[2] Ara paragrafu 7.